17 ta' Frar 2024
12/2024

**ĦAMES BARKIET GĦAL PAJJIŻNA**

ITTRA PASTORALI GĦAR-RANDAN 2024

Għar-Randan ta' din is-sena, aħna l-Isqfijiet qed nipproponu biex bħala pajjiż u bħala Nsara nirriflettu fuq il-ħames doni mingħand il-Mulej li l-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila jfakkarna fihom fl-Innu Malti: id-dehen, il-ħniena, is-saħħa, l-għaqda u s-sliem.

**"Mexxini fis-sewwa tiegħek"**

L-ewwel don hu d-dehen: il-kapaċità li wieħed jifhem, jagħraf u jiddeċiedi li jagħżel it-tajjeb mill-ħażin. Fl-ewwel Ħadd tar-Randan, nitolbu fis-Salm: "Triqatek, Mulej, għarrafni. Il-mogħdijiet tiegħek għallimni, mexxini fis-sewwa tiegħek u għallimni" (Salm 25:4-5). Il-kelma tal-Mulej hija kelma ta' għerf u mhux ta' bluha; hi kelma li se tagħmillek dejjem il-ġid.

L-għerf u l-għaqal iwasslu wkoll biex nieħdu deċiżjonijiet li jmorru lil hinn mill-interessi personali. Il-bniedem għaref u l-mexxej għaqli huma dawk li fid-deċiżjonijiet tagħhom jinkludu lil kulħadd, inkluż lil dawk li ġejjin warajna. Jekk nixtiequ li l-kliem tant sabiħ tas-sostenibbiltà u l-inklużjoni verament ifissru xi ħaġa, irridu nkunu dawn it-tip ta' mexxejja u ċittadini.

**"Għani fil-ħniena"**

It-tieni don hu l-ħniena, li jagħmilna nixbhu tassew lil Alla. Kif ifisser San Pawl: "Alla, għani fil-ħniena tiegħu, bis-saħħa tal-imħabba kbira li biha ħabbna, meta aħna konna mejta minħabba fi dnubietna, tana ħajja ġdida flimkien ma' Kristu - bi grazzja intom salvi" (Ef 2:4-5).

Il-Mulej jgħidilna li l-imħabba tagħna trid tkun imħabba ta' mogħdrija u dan kollu jinġabar fil-kelma 'ħniena'. Li tħenn tfisser li tgħin lil xi ħadd fil-mument ta' bżonn, imma wkoll li qalbek tħabbat dejjem għall-proxxmu tiegħek.

Li tħenn tfisser ukoll li flok tiġġudika, tikkundanna u tkisser persuni oħra minn wara

screen, tagħżel li f'kull persuna tara dik l-umanità komuni li tagħmilna tassew aħwa. F'dinja fejn hu faċli ħafna li ngħaffġu u "narmu" n-nies bil-kliem u l-għemil tagħna, tajjeb nistaqsu b'liema mod aħna l-Insara nistgħu nkunu xhieda tal-ħniena ta' Alla li mingħajr ma tinjora l-verità, tfittex dejjem li tgħolli lil min jinsab mgħaffeġ taħt il-piżijiet tal-ħajja.

Fir-Randan tajjeb ukoll li bħala Nsara nagħmlu l-esperjenza sabiħa tal-ħniena ta' Alla billi nersqu għas-Sagrament tal-Qrar, fejn niltaqgħu mal-għajn tal-ħniena.

**"Kien ifejjaq lil kull min kien nieqes minn saħħtu"**

It-tielet don li jsemmi Dun Karm fl-Innu Malti hu d-don tas-saħħa. Meta naħsbu fuq is-saħħa qed ninkludu s-saħħa fiżika u s-saħħa mentali, kif ukoll is-saħħa spiritwali.

Kelma oħra sabiħa tas-salvazzjoni li ġabilna Ġesù bil-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet hija l-kelma 'saħħa' – *salus*. Għalhekk, il-kelma 'salvazzjoni' hi propju l-istedina biex inħarsu lejn is-saħħa tagħna b'mod ħolistiku. Ġesù jimpurtah minna. Hu jridilna l-ġid u jrid ifejjaqna mit-tbatijiet tagħna. Fir-Randan u fl-Għid Imqaddes, Ġesù ġej fostna bħala t-Tabib tar-Ruħ. Għandna bżonn nilqgħuh f'qalbna biex inkunu nistgħu nfiequ.

Xi drabi nistgħu wkoll innaqqsu ftit mill-għaġla ta' kuljum u nħarsu madwarna. Jista' jkun hemm kollega li għaddejja minn mument diffiċli; ġar li saħħtu marret lura; u omm jew missier li tilfu xogħolhom. Li nieqfu, nintebħu, nisimgħu, inkellmu u nakkumpanjaw lil xi ħadd li qed ibati tista' tassew tkun l-ikbar għotja ta' karità għal dan iż-żmien tar-Randan.

**"Ma jkunx hemm firdiet fostkom"**

Ir-raba' don hu l-għaqda, li ġejja mill-fatt li nirrispettaw lil xulxin u niddeċiedu li naħdmu flimkien u niġbdu ħabel wieħed, minkejja li xi drabi ma naqblux f'kollox. Tajjeb nitolbu għad-don tal-għaqda fil-koppji tagħna, fil-familji, fil-parroċċi u fil-Knisja.

Imma nitolbu wkoll għall-għaqda fost il-poplu tal-Istat tagħna, li din is-sena qiegħed jiċċelebra 60 sena indipendenti u 50 sena repubblika. Biex nimxu 'l quddiem bħala soċjetà, għandna l-urġenza niskopru mill-ġdid l-arti tad-djalogu rispettuż. Speċjalment fuq livell politiku, id-djalogu ta' spiss hu interpretat bħala sinjal ta' dgħufija. Xi drabi għandna tendenza nippreferu persuna li, biex toħnoq l-ilħna tal-oħrajn, tattakka, twaqqa' u tweġġa' bi kliemha. B'dan il-mod, il-ġid komuni qatt ma jista' jintlaħaq u żgur li qatt mhu se niksbu l-għaqda.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2590 6307
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

Hekk kif il-pajjiż qed iħejji ruħu għall-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali u l-Parlament Ewropew, inħeġġu lil kull min hu involut fil-ħajja pubblika u politika sabiex ma jibżax jagħżel it-triq kuraġġuża tas-smigħ umli u tad-djalogu rispettuż.

**“Jiena nħallilkom is-sliem”**

Il-ħames u l-aħħar don li nsibu fl-Innu Malti hu dak tas-sliem. Fl-Għid il-Kbir niftakru fit-tislima tal-Irxoxt: “Is-sliem għalikom!” (Ġw 20:19). San Ġorġ Preca wkoll kien jisħaq li għandna nilqgħu lil xulxin b’din it-tislima. Iżda l-paċi ma tiġix mill-kliem jew mill-fomm biss, imma mill-qalb. Ma tistax tagħti l-paċi lil ħaddieħor jekk f’qalbek m’għandekx paċi.

Kif jinsisti Dun Karm, il-paċi tibqa’ dejjem don mill-Mulej. Għandna bżonn il-paċi fid-dinja, il-paċi bejnietna, il-paċi fil-familji tagħna, u l-paċi f’qalbna. Tista’ tkun l-ikbar sinjur tad-dinja imma jekk f’qalbek ma għandekx il-paċi, inti bniedem fqir. Min għandu l-paċi, ikun f’liema ċirkustanza jkun, jgħum fl-ikbar barka tal-Mulej.

Illum faċli naqtgħu qalbna quddiem il-ħafna kunflitti li għaddejjin fl-Art Imqaddsa, fl-Ukrajna, fis-Sudan u f’postijiet oħra. Huma l-mexxejja tal-pajjiżi li għandhom is-setgħa u r-responsabbiltà jwaqqfu din il-qerda assurda. Madanakollu, aħna lkoll imsejħin inkunu bennejja tal-paċi. Il-paċi jew il-vjolenza ta’ bejnietna jiddependu fuq id-deċiżjonijiet—kbar u żgħar—li nieħdu ta’ kuljum. Il-paċi hi frott deċiżjonijiet tajba u responsabbli. Meta ninjoraw il-verità u l-ġustizzja, meta rridu li dejjem ikollna raġun, u meta s-suċċess u l-flus isiru l-idoli tagħna, inkunu qed niżirgħu ż-żerriegħa tal-vjolenza.

Iżda meta nersqu lejn Kristu Msallab u Rxoxt u nidħlu fl-iskola tal-imħabba tal-Mulej, inkunu qed ninfetħu għad-don tal-paċi tiegħu, biex flimkien miegħu nsiru bennejja tal-paċi.

Hekk kif bdejna din il-mixja ta’ 40 jum, il-barka tagħna fuqna u fuq pajjiżna, hi dik ta’ Ġesù stess: il-paċi magħkom.

✠ **Charles J. Scicluna**
Arċisqof ta’ Malta

✠ **Anton Teuma**
Isqof ta’ Għawdex

✠ **Joseph Galea-Curmi**
Isqof Awżiljarju ta’ Malta

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta’ Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2590 6307
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**